**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 06 ta' Dicembru, 2022**

**Rikors Guramentat Nru: 103/2020 AF**

**Alexander Bugeja li jezercita l-kummerc f'isem A. Bugeja Excavations**

**vs**

**Kris Baron**

**u**

**Nadine Baron**

**U fil-verbal tas-seduta tas-26 ta' Ottubru 2020, il-Qorti ordnat li jissejjah fil-kawza Victor Gauci**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors maħluf tal-attur Alexander Bugeja li jezercita l-kummerc f'isem A. Bugeja Excavations, li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

L-esponenti, Alexander Bugeja, jeżerċita l-kummerċ f'isem A. Bugeja Excavations, permezz ta' liema jopera fl-industrija tal-iskavar, kostruzzjoni u xogħlijiet relatati.

L-esponenti ngħata appalt mill-intimati li kellu jiġ eżegwit fil-proprjetà tagħhom li tinsab ġewwa tas-Sliema, Malta, u liema appalt kien jikkonsisti essenzjalment f'xogħol ta' skavar f'dana l-fond; speċifikament skavar għal *pool* u kantina subterrana, inkluż il-ġbir u r-rimi tal-iskart iġġenerat minn dawn ix-xogħlijiet.

L-appalt in kwistjoni ġie mogħti lill-esponenti wara li dan ġie rrakkomandat sabiex jagħmel dawn ix-xogħlijiet minn Victor Gauci, il-bennej li kien inkarigat biex jieħu ħsieb l-iżvilupp tal-proprjetà tal-intimati surreferita.

Bi qbil mas-Sur Gauci u mal-intimati, l-esponenti kien beda x-xogħlijiet in kwistjoni fl-għoxrin (20) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018), bil-patt u l-kundizzjoni li jitħallas depożitu akkont tal-prezz.

Minkejja dan il-ftehim, Victor Gauci kien naqas milli jħallas id-depożitu miftiehem lill-esponenti. Minħabba dan in-nuqqas, l-esponenti kien issospenda x-xogħlijiet li kien qed jagħmel fil-proprjetà tal-intimati sakemm jitħallas id-depożitu dovut lejh.

Sussegwentement l-intimat, Kris Baron, ħallas lill-esponenti depożitu ta' erbat elef Euro (€4,000) permezz ta' ċekk bankarju sabiex ikompli x-xogħlijiet u kien ggarantielu wkoll li seta' jserraħ rasu li ser jitħallas għal xogħlu.

Hekk kif tħallas id-depożitu akkont tal-prezz, u wara li l-intimat ikkonferma li hu kien ser iħallas tax-xogħol, l-esponenti kompla bix-xogħlijiet kif miftiehma, liema xogħlijiet huwa eżegwixxa u

ffinalizza fit-tnax (12) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tmintax (2018).

Il-valur tax-xogħlijiet eżegwiti mill-esponenti għall-intimati taħt il-kuntratt t'appalt, kien jammonta għal total ta' ħamsa u għoxrin elf, tlett mija u disa' u disgħin Euro u ħamsin ċenteżmu (€25,399.50), u dan kif ikkonfermat fil-fattura relattiva għax-xogħlijiet hawn anness u mmarkat bħala "Dok.A".

Mill-valur totali tax-xogħlijiet ta' ħamsa u għoxrin elf, tlett mija u disa' u disgħin Euro u ħamsin ċentezmu (€25,399.50) irid jitnaqqas l-ammont ta' erbat elef Euro (€4,000) li kien tħallas lill-esponenti bħala depożitu akkont tal-prezz, u b'hekk is-somma pendenti dovuta mill-intimati lill-esponenti tammonta għal total ta' wieħed u għoxrin elf, tlett mija u disa' u disgħin Euro u ħamsin ċenteżmu (€21,399.50), liema somma tinkludi t-taxxa fuq il-valur miżjud.

Minkejja li l-esponenti ilu żmien li lesta x-xogħlijiet in kwistjoni suġġetti għall-appalt, u minkejja li nterpellahom għall-ħlas f'diversi okkażjonijiet, inkluż permezz ta' ittra bonarja mibgħuta lilhom nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019), kif ukoll ittra uffiċjali datata sbatax (17) ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019), liema ittra uffiċjali għandha n-numru ta' referenza 103/19, u kopja ta' liema qed tiġi hawn annessa u mmarkata bhala "Dok B", iżda huma baqgħu inadempjenti, u b'hekk kellha tiġi addottata din il-proċedura.

L-esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-intimati Kris Baron u Nadine Baron huma d-debituri tar-rikorrent Alexander Bugeja li jeżerċita l-kummerċ f'isem A. Bugeja Excavations fl-ammont ta' wieħed u għoxrin elf, tlett mija u disa' u disgħin Euro u ħamsin ċenteżmu (€21,399.50) rappreżentanti valur tax-xogħlijiet reżi lilhom minnu.

2. Tikkundanna lill-intimati Kris Baron u Nadine Baron jħallsu l-ammont ta' wieħed u għoxrin elf, tlett mija u disa' u

disgħin Euro u ħamsin ċenteżmu (€21,399.50) lir-rikorrenti Alexander Bugeja li jeżerċita l-kummerċ f'isem A. Bugeja Excavations, bl-imgħax legali mid-data tal-fattura sad-data tal-pagament effettiv, għar-ragunijiet kif fuq dettaljati.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru ta' referenza 103/19, minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta maħlufa tal-konvenuti konjuġi Baron li flimkien eccepew illi:

Fl-ewwel lok u preliminarjament il-konvenuti mhumiex il-leġittimi kontradittturi stante li m'għandhomx relazzjoni kuntrattwali mal-attur stante li x-xogħlijiet in kwistjoni li ġew miftehma ma' ċertu Victor Gauci, li mhuwiex parti f'din il-kawża, kienu parti minn kuntratt ta' xogħlijiet aktar estensiv, hawn anness u mmarkat bħala Dok. KB001, li ġie miftiehem bejn il-konvenuti u Victor Gauci li sussegwentement qabbad lill-attur direttament mingħajr ma nvolva lil-konvenuti.

Fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost il-konjuġi Baron ħallsu dak kollu dovut lil Victor Gauci għax-xogħlijiet eżegwiti minnu, għajr għas-somma bilanċjali ta' erbat elef, seba' mija u ħamsa u tletin Euro u seba' u għoxrin ċenteżmu (€4,735.27), kif jirriżulta mill-korrispondenza hawn annessa bħala Dok. KB002, liema somma, minkejja diversi tentattivi da parti tal-konjuġi Baron, ma ġietx konfermata minn Gauci sabiex ikun jista' joħroġ riċevuta fiskali la darba jsir il-ħlas b'dan iżda li kontestwalment mal-preżenti risposta ġuramentata dawn l-ammonti qegħdin jiġu depożitati fir-reġistru tal-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati sabiex l-esponenti jeżimu ruħhom minn kull responsabbiltà.

Fit-tielet lok, u wkoll mingħajr preġudizzju għas-suespost l-ammonti mitlubin mill-atturi huma f'kull każ eċċessivi u ma jirriflettux il-ħlas miftiehem bejn il-konjuġi Baron u Victor Gauci għax-xogħlijiet in kwistjoni.

B'riserva ta' difiżi ulterjuri.

**Fatti tal-Każ**

Il-konjuġi Baron jikkontestaw il-fatti kif esposti fir-rikors ġuramentat tal-attur sa fejn dawn m'humiex kompatibbli ma' dan li ġej:

Il-konjuġi Baron qabbdu lill-kuntrattur Victor Gauci a bażi ta' kuntratt ta' appalt sabiex jagħmel xogħol estensiv fuq proprjetà tagħhom li tinsab f'tas-Sliema, liema xogħlijiet kienu jinkludu x-xogħlijiet li tagħhom qed jitlob ħlas l-attur, li ġie imqabbad direttament min Gauci b'sub-appalt sabiex jagħmel ix-xogħlijiet, skont kundizzjonijiet li l-konjuġi Baron qatt ma ġew involuti fihom u wisq anqas qablu magħhom.

Din l-asserzjoni hija fil-fatt konfermata mill-fatt li Bugeja stess, fir-rikors ġuramentat tiegħu jgħid li waqqaf ix-xogħlijiet stante li Gauci ma ħallasx id-depożitu, liema depożitu huwa kjarament dovut mill-persuna li tkun qabditek taħdem u ċioè Gauci hu mhux il-konjuġi Baron kif skorrettament indikat minn Bugeja.

Meta l-konjuġi Baron saru jafu li twaqqfu x-xogħlijiet minħabba l-fatt li ma kienx tħallas id-depożitu lil Bugeja, Kris Baron iltaqa' għall-ewwel darba ma' Bugeja li kien jinsab viċin tal-abitazzjoni tagħhom u ħallsu s-somma dovuta minn Gauci bħala depożitu, ċioè erbat elef Euro (€4,000), b'dan li dan il-ħlas sar espliċitament lill-attur bħala parti mill-flus li kienu dovuti lill-attur minn Gauci, senjatament id-depożitu għax-xogħlijiet u dan kif jirriżulta fl-aktar mod ċar mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati bħala Dok. KB003.

Barra minn hekk mhuwiex assolutament minnu li Baron iggarantixxa li kien ser jagħmel xi ħlas ulterjuri lil Bugeja jekk Gauci ma jħallasx stante li Kris Baron sempliċiment informa lill-Bugeja sabiex jekk dan tal-aħħar ma jitħallasx ikellmu sabiex Baron ikun jista' jintervjeni ma' Gauci u jħeġġu sabiex iħallas lill-Bugeja.

L-atturi għalhekk jiddikjaraw li huma qatt ma qabbdu lil Bugeja jew kellhom relazzjoni kuntrattwali miegħu, fil-fatt lanqas biss kienu jafuh qabel ma bdew ix-xogħlijiet u saru jafuh biss meta sar l-ewwel pagament, u qatt ma ggarantew li jagħmel ebda ħlas

lill-Bugeja billi huma ma kellhom ebda relazzjoni kuntrattwali miegħu.

Għal kompletezza l-konvenuti jiddikjaraw ukoll li Victor Gauci abbanduna x-xogħlijiet u ma baqax jeżegwixxi x-xogħlijiet miftiehma mal-konjuġi Baron ai termini tal-kuntratt ta' apalt riferit.

Il-konjuġi Baron ħallsu lill-Gauci għax-xogħlijiet kollha li twettqu, għajr għas-somma bilanċjali ta' erbat elef, seba' mija u ħamsa u tletin Euro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€4,735.27), kif jirriżulta mid-Dok. KB002, liema somma, minkejja diversi tentattivi da parti tal-konjuġi Baron, ma ġietx konfermata minn Gauci sabiex ikun jista' joħroġ riċevuta fiskali la darba jsir il-ħlas.

Għalhekk din is-somma qegħda tiġi depożitata fir-reġistru tal-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati kontestwalment ma' din ir-risposta.

Għalhekk il-konvenuti m'għandhom xejn aktar xi jħallsu lil ħadd u wisq anqas għandhom iħallsu xi ħaġa lill-atturi li miegħu m'għandhom ebda relazzjoni kuntrattwali miegħu, wisq anqas u mingħajr preġudizzju għall-fatt li m'għandhom xejn xi jħallsu aktar, bir-rati għoljin li qed jirreklama Bugeja li mhumiex ir-rati maqbulin bejn il-konvenuti u Gauci.

Għalhekk it-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jistħoqqilhom li jiġu miċħuda.

L-esponenti jafu l-fatti fuq imsemmija personalment.

Għaldaqstant, in vista tas-suespost il-konvenuti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet tal-attur fil-konfront tagħhom bħala infondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt bl-ispejjeż kollha kontra l-atturi.

Rat illi fl-udjenza tas-26 t'Ottubru 2020 il-Qorti ordnat il-kjamat in kawża ta' Victor Gauci.

Rat illi fl-udjenza tat-13 ta' Jannar 2021 il-Qorti ddikjarat illi Victor Gauci kien jinsab fi stat ta' kontumaċja stante illi minkejja

li ġie debitament notifikat bl-atti tal-kawża huwa baqa' ma ppreżentax ir-risposta ġuramentata tiegħu.

Semgħet it-trattazzjoni finali.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija azzjoni naxxenti minn appalt dwar xogħolijiet ta' skavar u kostruzzjoni. L-attur f'din il-kawża kien responsabbli mill-iskavar ta' pixxina u kantina sotterranja. Ġara però illi waqt li rċieva b'ċekk il-ħlas akkont fis-somma ta' €4,000, wara li lesta x-xogħolijiet għas-sodisfazzjoni tal-konvenuti, l-attur baqa' ma rċeviex il-ħlas għas-saldu. Permezz ta' din l-azzjoni l-attur qiegħed għalhekk jitlob dikjarazzjoni li l-konvenuti huma debituri tiegħu għas-somma ta' €21,399.50 rappreżentanti bilanċ rimanenti dwar xogħolijiet ta' skavar u tindif ta' materjal mis-sit.

Il-konvenuti laqgħu billi preliminarjament eċċeppew illi mhumiex leġittimi kontradittturi tal-attur stante illi bejniethom u bejn l-attur qatt ma ġiet instawrata ebda relazzjoni ġuridika. Ġie mfisser illi l-konvenuti daħlu f'kuntratt t'appalt ma' Victor Gauci li kien inkarigat bix-xogħolijiet kollha inkluż ukoll l-iskavar tal-pixxina u l-kantina. Kien dan Gauci illi da parti tiegħu daħal fi ftehim ta' sub-appalt mal-attur u nkarigah mix-xogħolijiet ta' skavar u tindif tas-sit. Jgħidu għalhekk illi jekk l-attur għadu jrid jirċievi xi ħlas, dak dovut lilu jrid iħallsu Victor Gauci li tħallas għas-saldu mill-konvenuti skont kif pattwit fuq il-kuntratt t'appalt. Fit-tieni lok il-konvenuti eċċepew illi l-pretensjoni attriċi mhijiex ġusta għaliex ma tirriflettix ir-rati li l-konvenuti ftehmu dwarhom ma' Gauci.

Mill-provi jirriżulta illi l-konvenuti konjuġi Baron kellhom sit ġewwa tas-Sliema li xtaqu jiżviluppaw. Kris Baron xehed illi xtaq illi l-affarijiet isiru sewwa u għalhekk inkariga ditta ta' periti rinomati. Inkarigu wkoll lil Victor Gauci sabiex jesegwixxi x-xogħolijiet ta' skavar u kostruzzjoni fis-sit. Għal dan il-għan u bl-għajnuna tal-periti nkarigati minnhom, fit-12 ta' Mejju 2017 il-konvenuti daħlu f'kuntratt t'appalt ma' Victor Gauci. Kif

jirriżulta mill-istess kuntratt t'appalt, Victor Gauci kien inkarigat ukoll illi jwettaq xogħol ta' "*excavation foundations and pool*".

L-attur xehed illi għall-bidu tas-sena 2018 kien avviċinah Victor Gauci sabiex jieħu ħsieb l-iskavar tal-pixxina u l-kantina u t-tindif tas-sit mill-materjal tal-iskavar. L-attur mar fuq il-post, ħa konjizzjoni tax-xogħol li kien mistenni jsir u ftiehem dwar ir-rati u l-modalità tal-ħlas direttament ma' Victor Gauci. L-attur xehed illi ma' Gauci ftiehem dwar ħlas fuq bażi settimanali sabiex b'hekk ikun jista' jkopri l-ispejjeż li kien ser jinkorri fl-eżekuzzjoni tax-xogħolijiet. In kontro-eżami l-attur xehed illi huwa ma kienx tkellem mal-konvenuti fil-mument meta ġie avviċinat sabiex jagħmel ix-xogħolijiet.

L-attur beda x-xogħolijiet fl-20 ta' Frar 2018. Wara xahar illi kienu diġà bdew ix-xogħolijiet, l-attur kien għadu ma rċieva ebda pagament u għalhekk għażel li jwaqqaf ix-xogħolijiet sakemm jitħallas. Ix-xogħol twaqqaf temporanjament fis-27 ta' Marzu 2018. Fis-16 ta' April 2018 l-attur xehed illi rċieva telefonata mingħand il-konvenut li talab spjegazzjoni għaliex kien waqaf ix-xogħol tal-iskavar. L-attur kompla jixhed li l-konvenut kien assugirah illi "*għal flus mhux problema u miegħi għandek x'taqsam*". Għalhekk l-attur u l-konvenut ftehmu illi jiltaqgħu sabiex l-attur jirċievi pagament akkont.

Fis-17 t'April 2018 l-attur u l-konvenut iltaqgħu il-Gżira fuq sit ieħor fejn l-attur kien qiegħed jaghmel xi xogħol u dak inhar il-konvenut għadda lill-attur ċekk fis-somma ta' €4,000. Mill-provi jirriżulta li dan iċ-ċekk inħareġ direttament f'isem l-attur. L-istess ċekk kien ukoll akkompanjat minn *covering letter* li taqra hekk:

> "*Confirming Receipt of 4000€ from Kris Baron in relation to works @ Tonna Street, Sliema.*
>
> *Victor Gauci/Mason*"

Din l-ittra ġġib id-data tas-17 ta' April 2018 u tirriżulta ffirmata minn Alexander Bugeja ossia l-attur. Tajjeb jingħad illi la l-kontenut ta' din l-ittra u lanqas il-firma tal-attur fuqha ma ġew kontestati mill-attur.

L-attur xehed illi issokta bix-xogħolijiet sempliċement għaliex id-diskors tal-konvenut in kwantu l-ħlas fisser għaih garanzija li ser jitħallas ta' xogħolu. Issokta jgħid illi li kieku ma ngħatax serħan il-moħħ rigward il-ħlas lanqas kien ikompli bix-xogħol. Wara li kien tkellem mal-konvenut rigward il-ħlas l-attur qatt aktar ma reġa' tkellem ma' Gauci rigward ħlas. L-attur lesta x-xogħol li kellu jagħmel u ħareġ kont finali dettaljat fejn fih indika d-dati, tul ta' ħin, xogħol u l-prezz ta' kull ġurnata. Dan il-kont li kopja tiegħu ġiet esebita fl-atti huwa ntitolat "*Sliema Bennej Mellieħi*". L-attur għadda dan il-kont lil Gauci madwar ħmistax-il ġurnata wara li kien lesta x-xogħolijiet.

Il-konvenut xehed illi l-uniku ftehim t'appalt li ffirma kien dak ma' Victor Gauci għaliex hu kien inkariga unikament lil Gauci sabiex iwettaq ix-xogħolijiet fil-proprjetà tiegħu. Xehed illi hu ma daħalx fil-kwistjoni tas-sub-appalti li daħal fihom Gauci għaliex din kienet kwistjoni bejn Gauci u l-persuni minnu nkarigati. Żied jgħid illi l-uniku relazzjoni ġuridika li kellu l-konvenut kienet proprju ma' Gauci tant illi lanqas fuq il-kuntratt t'appalt ma ġie ndikat li kien hemm xi xogħolijiet li kellhom jiġu żvolti minn terzi estranji għal dak il-ftehim. Kompla jixhed illi huwa persuna metikoluża ħafna u li kieku verament kien il-każ li daħal f'relazzjoni ma' terz kien jieħu ħsieb li tali relazzjoni tiġi debitament regolata permezz ta' kuntratt t'appalt.

Mix-xhieda tal-konvenut jirriżulta li stante li l-ftehim kien ma' Gauci, il-ħlas kollu ġie mgħoddi direttament lil Gauci. Dwar il-pagament li l-konvenut għadda direttament lill-attur, il-konvenut xehed illi meta ntebaħ li l-attur kien arbitrarjament waqqaf ix-xogħolijiet, huwa kien tkellem ma' Gauci li spjegalu li x-xogħolijiet waqfu għaliex l-attur kien qiegħed jippretendi li jirċievi xi pagamenti akkont. Xehed illi f'dik l-okkażjoni l-konvenut indaħal sempliċement biex ix-xogħol ikun jista' jissokta. Spjega illi f'dik l-okkażjoni ried jevita sitwazzjoni fejn jispiċċa joħroġ pagament b'ċekk f'isem Gauci imbagħad jintilef il-ħin għaliex iċ-ċekk ikun irid jiġi riġirat favur l-attur. Qal li sabiex ma jintilfx ħin prezzjuż dakinhar ħareġ ċekk direttament f'isem l-attur u għaddih lilu direttament. Kompla jixhed li d-diskors li qal lill-attur ma kienx f'sens li hu kien sejjer iħallas lilu direttament. Ried ifisser biss li f'każ ta' problema bil-pagamenti

hu kien dispost jintervjeni ma' Gauci sabiex dan ta' l-aħħar iħallas u b'hekk jiġi evitat li x-xogħolijiet jerġgħu jieqfu u jkun hemm aktar dewmien.

Il-konvenut xehed illi l-ewwel darba li ltaqa' mal-attur kienet proprju fis-17 ta' April 2018 meta għaddielu ċ-ċekk. Il-konvenut ma kellu ebda nformazzjoni dwar xi ftehim ta' ħlas kien hemm bejn l-attur u Gauci. Żied jgħid illi wara s-17 ta' April 2018 l-attur qatt aktar ma reġa' talab xi pagament akkont. Intant il-konvenut ħallas dak miftiehem lil Gauci. Jgħid illi l-ewwel darba li qatt ra l-kont li ħareġ l-attur kien fit-12 ta' Frar 2020 meta l-konvenut ġie notifikat bl-atti ta' din il-kawża li flimkien magħhom kien hemm annessa kopja tal-kont in sostenn tal-pretensjoni attriċi.

Xehdu wkoll il-Perit Ian Critien u l-Perit Bianca Darmanin li kienu nkarigati mill-proġett. Il-Perit Critien xehed illi meta jkun hemm tibdiliet fix-xogħolijiet jew fil-kuntratturi, il-periti għandhom dejjem jiġu nfurmati. F'dan il-każ però l-periti xehdu illi fl-ebda waqt ma ngħatat xi ndikazzjoni li Gauci ma kienx għadu responsabbli mix-xogħol ta' skavar u rimi. Lanqas ma kien magħruf illi l-attur ma kienx wieħed mill-impjegati ta' Gauci. Il-Perit Darmanin xehdet ukoll illi r-rati tal-iskavar kienu miftiehma skont il-kwotazzjoni li kien ipprovda Gauci.

Għal dak illi jirrigwarda l-eċċezzjoni preliminari, fil-kors tat-trattazzjoni finali, l-attur argumenta illi bil-fatt li l-konvenut kien għaddielu pagament u bid-diskors li dak inhar lissen l-istess konvenut, inħolqot relazzjoni ġuridika bejn l-attur u l-konvenut. Żied jargumenta illi jekk verament il-konvenut ma riedx jindaħal fis-sub-appalti li daħal fihom Gauci, allura messu ma marx personalment iħallas lill-attur.

Mill-banda l-oħra l-argument tal-konvenuti Baron huwa li l-unika relazzjoni ġuridika li nħolqot fir-rigward tax-xogħolijiet fil-proprjetà tagħhom hija dik ma' Victor Gauci li ġie mħallas għas-saldu tax-xogħolijiet kollha li saru fil-proprjetà tagħhom. Il-konvenut jakkampa fuq il-*covering letter* li kien ħareġ flimkien maċ-ċekk permezz ta' liema jgħid illi kien ċar li l-pagament lill-attur kien qiegħed isir akkont tad-dovut lil Gauci. Jgħid ukoll illi l-fatt li wara li tlestew ix-xogħolijiet l-attur ħareġ kont f'isem

Victor Gauci huwa ndikazzjoni ċara tal-fatt li l-konvenut jaf ben tajjeb li kellu jitħallas mingħand Gauci u mhux mingħand il-konvenut.

Il-pern tal-eċċezzjoni preliminari huwa jekk ġietx instawrata relazzjoni ġuridika bejn l-attur u l-konvenuti fil-mument li l-konvenut għadda pagament dirett lejn l-attur.

Bħala fatt, jirriżulta inkontestat illi l-konvenut inkariga lil Gauci bix-xogħolijiet kollha inkluż bl-iskavar tas-sit u bir-rimi tal-materjal. Dan huwa ben evidenti mill-kuntratt t'appalt u mill-*Bill of Quantities* anness mal-istess. Huwa wkoll inkontestat li kien proprju Victor Gauci li nkariga lill-attur bix-xogħolijiet u li sas-17 t'April 2018 l-attur kien għadu qatt ma ltaqa' mal-konvenut minkejja l-fatt li x-xogħolijiet kienu ilhom li bdew mill-20 ta' Frar 2018. Lanqas ma huwa kontestat il-fatt li kull ftehim dwar rati u modalità tal-ħlas sar bejn Gauci u l-attur mingħajr l-involviment dirett tal-konvenut.

Fil-kawża fl-ismijiet Av. Michael Psaila noe vs Joseph Pace et, deċiża fit-3 ta' Ottubru 2008, din il-Qorti diversament presjeduta spjegat illi:

> "*Min jeccepixxi li hu mhux il-legittimu kontradittur jeħtieg illi jipprova li hu ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi għat-talba proposta bl-istanza għaliex hu ma kienx daħal f'ebda rapport mar-rikorrent noe jew li m'għadx għandu tali rapport*."

Il-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Avukat Antoine Naudi noe vs John Abela Limited, tat-2 ta' Ottubru 2009, qalet ukoll illi:

> *"Jibda biex jigi kkummentat in linea preliminari illi biex soggett imharrek jew imsejjah fil-gudizzju jitqies li hu legittimu kontradittur, l-ezercizzju fuq daqshekk jinnecessita accertament fuq il-bazi tal-petitum, ossija rrizultat persegwit fil-gudizzju mill-attur. In partikulari, il-principju jinvolvi l-ezami tar-rapport guridiku dedott f'dan il-gudizzju."*

L-istess Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Burmarrad Commercials Limited vs Desmond Mizzi et, deċiża fit-28 ta' Frar 2007 spjegat illi:

> "*b'relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem dak l-att jew pluralità t'atti konnessi li jimmiraw ghall-produzzjoni t'effetti guridici fl-ambitu tad-drittijiet bejn zewg soggetti jew aktar*."

Il-Qorti kompliet hekk:

> "*Huwa ferm evidenti minn natura u l-kontenut ta' dawn l-aggravji illi dak li jitqies primarju li jigi investigat hi x-xorta ta' relazzjoni guridika bejn il-partijiet in kwantu minnha jrid imbaghad jirrizulta jekk l-appellanti kellux jitqies bhala l-legittimu kontradittur di fronte ghas-socjetà attrici.*"

Fl-ispeċifiku, il-kwistjoni fil-każ ta' llum hija aktar dwar fil-konfront ta' min għandu dritt t'azzjoni is-sub-appaltatur bħal ma huwa l-attur.

Fis-sentenza fl-ismijiet Nobbli Gioacchino Attard Montalto vs Emmanuele Schembri deċiża mill-Qorti tal-Appell Kummerċjali fl-4 ta' Diċembru 1957 ingħad illi:

> "*Fil-kaz ta' appaltatur ta' opra konsiderevoli tal-gebel, li jkun ta' b'subappalt lil terza persuna l-eżekuzzjoni ta' xi parti minn dik l-opera, jekk jirriżulta illi x-xogħol tas-subappaltatur kien difettuż jew ħażin, il-kundanna biex ix-xoghol isir mill-gdid ghandha tkun diretta kontra l-appaltatur, avvolja s-subappaltatur ikun gie imsejjah fil-kawza; ghaliex dik il-kundanna hija bbazata fuq l-artikolu tal-ligi (1732 (1638)) li jirrendi responsabbli lill-appaltatur, u anke ghaliex ma jkunx sewwa li l-appaltant jigi privat minn azzjoni kontra l-appaltatur, li mieghu ikkuntratta, b'sostituzzjoni ta' debitur iehor, li mieghu ma kkuntrattax.*"

Il-każ fl-ismijiet William Bugeja vs Stephen Carter huwa analogu għall-każ ta' llum għaliex anki f'dak il-każ l-attur kien ingħata nkarigu fuq sub-appalt mill-appaltatur li kien daħal fi ftehim t'appalt mal-konvenut. Fid-deċiżjoni tiegħu tat-12 t'April 2010,

it-Tribunal għal Talbiet Żgħar ċaħad l-eċċezzjoni tal-konvenut li ma kienx leġittimu kontradittur għat-talbiet attriċi wara li osserva illi bejn l-attur u l-konvenut kien ġie redatt ftehim li allura ħoloq nexus ġuridiku bejn l-attur u l-konvenut.

Sar appell u fid-deċiżjoni tagħha tas-6 t'Ottubru 2010 il-Qorti tal-Appell Infejuri osservat illi l-ftehim abbażi ta' liema t-Tribunal ċaħad l-eċċezzjoni preliminari kien ftehim li sar bejn il-konvenut u l-appaltatur minnu nkarigat u mkien ma kienet tirriżulta fuqu l-firma tal-attur. Il-Qorti osservat illi:

> *"1. In primis, jidher li l-attur gie sub-appaltat b'certi xoghlijiet mill-appaltatur Charles Formosa ta' Farstone Limited. In linea ta' principju, ftehim bhal dan, in kwantu kontraddistint minn cessjoni pura, jiggenera rapport obbligatorju bejn is-sub-appaltant u s-sub- appaltatur li fih il-kommittenti huwa estraneju. Dan, avolja, il-kommittent ikun akkonsentixxa ghal dak is-sub-appalt. Incidentalment, ta' min josserva f'dan il-kaz, illi bil-kontra ta' dak sottomess mill-konvenut, fil-kaz in ezami l-kuntratt ta' ftehim datat 23 ta' Gunju 2006 (fol. 39) ma jahseb bl-ebda klawsola tieghu ghal "sub-contracting works";*
>
> *2. Di regola, kif jinzel prevalentement minn certa gurisprudenza, fil-kaz ta' sub-appalt li fih tkun tonqos l-ingerenza diretta tal-kommittent, is-sub-appaltatur, bhal ma jidher li hekk kien l-attur, ma ghandux dritt ta' azzjoni diretta, in via kontrattwali, fil-konront tal-kommittent izda biss di fronte ghas-sub-appaltant. Dan s'intendi, ammenokke non si tratta ta' kwestjoni fejn, fil-kaz li jezistu l-estremi ghal daqshekk, il-kommittent ma jkunx imsejjah iwiegeb in via extra-kontrattwali. Qaghda din li tista' tippersisti wkoll fil-kaz tas-sub-appaltatur kontra l-kommittent. Ara ghal certa illustrazzjoni s-sentenzi fl-ismijiet "Frederick Frendo nomine -vs- Godwin Abela nomine et", Appell Kummercjali, 24 ta' Ottubru, 1989 u "Vincent Cauchi -vs- Michael Vella et", Appell Kummercjali, 7 ta' Lulju, 1992;*
>
> *3. Jista' jizdied in tema legali illi kieku stess kien hemm mahsub fil-kuntratt provvediment ghal sub-contracting,*

*xorta wahda "l'assenso del committente al sub-appalto va inteso come mera autorizzazzione ... e non gia a costituire un nuovo e diverso rapporto tra committente e subappaltatore. Ne consegue che nonostante l'autorizzazzione, il subappalto resta un rapporto obbligatorio che intercorre tra appaltatore e subappaltatore, al quale il committente è estraneo, non acquistando diritti ne assumendo obblighi verso il subappaltatore" (Qorti tal-Kassazzjoni Taljana, 11 ta' Awissu 1990, Numru 8202);*

*4. Affermat dan, sa hawn, certament, ma jirrizultax ir-rapport negozjali dirett bejn l-attur, qua subappaltatur, u l-konvenut, qua sid-kommittent;*

*Issa t-Tribunal jissokta jikkummenta illi, apparti l-hlas ta' Lm150 li l-konvenut ghamel lill-attur, dan ta' l-ahhar jghid li l-konvenut weghdu li kien ser jaghmel il-hlas tal-bilanc. Il-konvenut jikkontrabatti dan fuq tliet livelli. L-invoice inharget lil Farstone u mhux lilu, hu hallas dik is-somma biex jaqta' l-pressjoni li kien qed jaghmillu l-attur u f'kull kaz is-somma hekk imhallsa kienet ghas-saldu. Li jfisser, dejjem skond l-appellanti, illi mhux verosimili li hu pprometta li ser ihallas il-bilanc;*

*Fir-rigward ta' din il-vertenza l-Qorti trid taghmel dawn il-konsiderazzjonijiet:-*

*(1) Assumendo fl-ewwel lok li saret dik il-weghda, in linea ta' principju generali, di regola, l-istess ma tidherx li ghandha sors awtonomu ta' obbligazzjoni izda, se mai, jista' jkollha effett konfermattiv ta' rapport pre-ezistenti. Jekk allura, ma jezisti ebda rapport sottostanti dik il-weghda, jekk tezisti, ma jista' jkollha ebda effett vinkolanti;*

*(2) Maghdud dan, pressjoni jew mhux pressjoni, tqum il-mistoqsija ghalfejn il-konvenut, konsapevoli li ma kellu ebda relazzjoni diretta ma' l-attur u konxju wkoll, li l-fattura kienet intestata lil Charlie tal-Farstone, ghadda biex jaghmel dak il-hlas lill-attur ta' mija u hamsin lira (Lm150), u dan wara li kkonsulta ruhu mas-surveyor u naqqas ukoll l-ispiza tal-hsara li garrbu x-xorok tal-giebja fil-kors ta' l-*

*ezekuzzjoni tax-xoghlijiet lill-attur tramite l-impjegati tieghu;*

*(3) Huwa, fil-hsieb tal-Qorti, sintomatiku minn dan dedott illi, ankorke ma kien hemm ebda rapport sottostanti dirett bejn il-kontestanti, dak il-hlas kapaci jekwivali ghal rikonoxximent ta' natura konfessorja jew ta' dikjarazzjoni "contra se", b'mod li wiehed jinghata x'jifhem illi giet krejata bejn il-partijiet speci ta' novazzjoni mutato debitore fejn il-konvenut assuma fuqu li jhallas lill-attur-kreditur minflok is-subappaltant orginarju. Ara fuq it-tematika l-osservazzjonijiet ta' din il-Qorti professi fis-sentenza taghha ta' l-24 ta' April, 2009 in re: "**Sergio Sciberras - vs- Daniel Montebello**"*

Fis-sentenza fl-ismijiet Sergio Sciberras vs Daniel Montebello deċiża mill-Qorti tal-Appell Infejuri fl-24 ta' April 2009 ingħad hekk dwar it-tema tan-novazzjoni:

*"Minn din il-konkluzjoni ta' fatt tinzel din il-konsiderazzjoni ta' dritt. Skond il-Kodici Civili, ex-Artikolu 1179 (b), hemm novazzjoni "meta d-debitur gdid jigi mqieghed flok il-qadim, illi jigi mehlus mill-kreditur". Ma' din id-disposizzjoni tal-ligi li tati ingress ghal novazzjoni soggettiva attiva jorbitaw ukoll b'mod partikulari l-Artikoli 1180 (3) u 1183 in kwantu f'ta' l-ewwel il-ligi tahseb ghall-espromissjoni ("is-sostitizzjoni ta' debitur gdid minghajr il-kunsens ta' l-ewwel debitur") mentri f'tat-tieni tipprovdi ghad-delegazzjoni ("li biha d-debitur jaghti lill-kreditur tieghu debitur iehor"). Ghal kaz specifiku in ezami huwa car mill-provi illi hawnhekk si tratta minn espromissjoni gjaladarba kien il-konvenut innifsu li ppropona ruhu bhala d-debitur il-gdid minflok Joanne Sciberras nomine u bir-rilaxx tal-credit notes l-attur zvinkola lil din mill-obbligu tal-hlas minnha originarjament dovut. Proprju fl-espromissjoni, derivata mid-dritt Ruman – "delegatione et espromissione semper inest novatio – hu ravvizat it-tlaqqigh tal-voluntajiet ta' l-attur u tal-konvenut, b'dan ta' ahhar jassumi b'obbligu li jhallas lill-attur-kreditur minflok id-debitur originarju. Skond il-Qorti ta' l-Appell, sede Kummercjali, din id-deduzzjoni "tikkostitwixxi novazzjoni 'mutato debitore' minhabba espromissjoni li hi wahda mill-*

*manjieri li fihom issir in-novazzjoni soggettiva" ("Francesco Attard -vs- Andrea Brincat et", 12 ta' Gunju, 1953);*

*Jinghad mit-trattista Cicala, "Espromissione", (EG1, XIII, Roma, 1989,12.) l-assunzjoni tad-debitu ta' haddiehor tfisser "farlo proprio in tutto il suo spessore economico-giurdico senza residui". Li jissinjifika, allura, illi t-terz, li hekk jassumi l-obbligu tal-hlas versu l-kreditur, ma jistax, imbaghad, kif hekk jippretendi l-konvenut appellant, jopponi lill-attur-kreditur tieghu l-fatt tar-rapport tieghu mad-debitur originarju Joanne Sciberras nominee."*

Dwar l-istitut tan-novazzjoni għandu jingħad illi dan huwa mod ta' estinzjoni ta' obbligazzjoni. In-novazzjoni hija regolata fil-liġi tagħna ai termini tal-Artikolu 1179 et seq tal-Kodiċi Ċivili.

L-Artikolu 1179 jaqra hekk:

"*1179. Hemm novazzjoni –*

*(a) meta d-debitur jagħmel mal-kreditur tiegħu dejn ġdid, u dan jiġi mqiegħed flok il-qadim, illi jispiċċa;*

*(b) meta debitur ġdid jiġi mqiegħed flok il-qadim, illi jiġi meħlus mill-kreditur;*

*(ċ) meta, bis-saħħa ta' obbligazzjoni ġdida, kreditur ġdid jiġi mqiegħed flok il-qadim, li lejh id-debitur jiġi meħlus."*

Għall-fini tal-każ ta' llum għandha rilevanza d-disposizzjoni tal-Artikolu 1179(a) liema dispożizzjoni tipprovdi dwar novazzjoni meta hemm l-estinsjoni ta' obbligazzjoni u l-kostituzzjoni ta' obbligazzjoni ġdida. Fl-indaġni tagħha l-Qorti trid tara jekk l-intenzjoni tal-partijiet kinitx sempliċement dik illi jinbidel ir-rapport ġuridiku jew inkella ridux joħolqu rapport ġuridiku ġdid. Jingħad dan għaliex fit-termini tal-Artikolu 1181(1) tal-Kap 16:

"*ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni l-qadima ma tigix maqtula ghalkemm tigi mbiddla".*

Dan ifisser illi "*biex ikun hemm novazzjoni hemm bzonn li jkun hemm l-inkompatibilita` ta` l-esistenza taz-zewg obbligazzjonijiet, u f'kaz ta' dubju, in-novazzjoni ghandha tigi eskluza*" (**<u>Kollez. Vol.</u> <u>XXXIV.II.657 ; Vol. XLVIII.II.794 u Vol.L.I.412</u>**).

Il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza fl-ismijiet Paul Koludrovich vs Carmelo Muscat, deċiża fil-25 ta` Mejju 1956 mill-Qorti tal-Appell li rrilevat illi:

> "*Ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni antika ma tigix maqtula, imma semplicement modifikata ghaliex billi ssir xi modifikazzjoni fi ftehim ma tavverax ruhha novazzjoni bejn il-partijiet jekk ma kienx hemm l-intenzjoni li ssir obbligazzjoni gdida in sostituzzjoni ghall-antika, li tigi mill-partijiet imhassra. Mhux kull modifika ghalhekk iggib l-estinzjoni tal-obbligazzjoni billi l-partijiet jistghu jzidu jew inaqqsu xi haga minghajr ma tigi annullata l-obbligazzjoni, bir-rizultat li tkun giet biss modifikata.*"

F'kawża oħra, senjatament dik fl-ismijiet Lewis Abela vs Joseph M. Briffa deċiża minn din il-Qorti fit-28 ta' Jannar 1964 ingħad hekk:

> "*L'element importantissimu f'materja ta' novazzjoni hija l-intenzjoni tal-partijiet, dik li dottrinalment tissejjaħ "animus novandi", u billi kull novazzjoni hija kuntratt li jigi sostitwit ghall-antik, hija mprexxindibbli l-ezistenza tal-volonta' li jsir dana l-kuntratt il-gdid. "La novazione", ighidu Baudry Lacantinerie, "presuppone essenzialmente da parte del creditore che vi consente, una rinuncia al suo diritto, ora, poiche' le rinuncie a un diritto non si presumono mai, quella di cui trattiamo non puo' risultare che da unavolonta' certa" (Dto. Civ. Franc. Vol. XIV, 1731, pag. 35) ... Li l-prova tan-novazzjoni tispetta lil min jinvokha; u ma ngiebet ebda prova mill-attur, hlief il-fatt tad-decizjoni tal-Bord, biex jinduci r-relazzjoni ta' obbligazzjoni gdida minflok l-antika li baqghet estinta. Issa billi n-novazzjoni hija kawza ta' estinzjoni tal-obbligazzjoni, ma jistax jinghad li d-decizjoni tal-Bord kellha l-effikacja li testingwi l-kuntratt lokatizju pre-ezistenti, ghaliex, oltre r-ragunijiet tal-kontendenti ghandhom jigu*

*regolati biss minn dik id-decizjoni. L-Awtorita' tal-Bord kienet biss dik li jaghti jew jichad l-awment, u mhux li jimponi fuq wahda mill-partijiet, il-konvenut, l-"animus novandi" li hu proprju tal-partijiet kontraenti, u mhux ta' haddiehor estraneu (Kollez. XXXVI, I, 229) għaliex skond Ulpiano "voluntate sola est non lege novandum" (C. 2. D. De novat. 46, 2)."*

Sabiex jingħad illi hemm l-*animus novandi* ossia l-esternazzjoni tar-rieda tal-partijiet, iridu jirriżultaw is-segwenti elementi:

i. l-intenzjoni hija waħda komuni għaz-żewġ kontraenti;
ii. l-intenzjoni taż-żewġ partijiet fir-rigward tal-estinsjoni tal-obbligazzjoni;
iii. l-intenzjoni trid tirriżulta b'mod inekwivoku minn fatti konkludenti.

Dawn it-tlett elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi għal xulxin li jfisser li jekk wieħed mill-elementi huwa nieqes allura huwa għal kollox mankanti l-*animus novandi*. Ingħad ukoll illi "*quantunque la novazione possa risultare senza che si usino formole o parole speciali, pure non può mai essere presunta, ed e` di legge espressa e venne costantemente ritenuto in dottrina ed in giurisprudenza dovere la stessa chiarament risultare*" (**Kollez. Vol. XXVII.I.935**).

Fis-sentenza fl-ismijiet Joseph Gatt et vs Peter Agius deċiża fil-31 ta' Mejju 2016 minn din il-Qorti kif dak inhar preseduta ingħad hekk dwar l-istitut tan-novazzjoni:

*"Novazzjoni hi mod kif tispiċċa obbligazzjoni. Skont l-artikolu 1179 tal-Kodiċi Ċivili, meta debitur jikkuntratta dejn ġdid mal-kreditur li jitqieghed flok il-qadim, id-dejn l-antik jispicċċa. L-artikolu 1181(1) tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li 'ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni l-qadima ma tiġix maqtula, għalkemm tiġi mibdula.' Hekk ukoll, in-novazzjoni ma tistax tkun preżunta. L-intenzjoni li ssir għandha tidher biċ-ċar u dan skont l-artikolu 1180(2).*

*Fis-sentenza fl-ismijiet Mary Borg et vs Joseph Micallef deċiża fit-22 ta' Ottubru 1998, il-Qorti tal-Appell Inferjuri osservat illi:*

*"Kif ġa ġie deċiż mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Mejju, 1956, in re Paul Koludrovich vs Carmelo Muscat, ikun hemm novazzjoni oġġettiva meta ssir obbligazzjoni ġdida li tiġi sostitwita għal oħra pre-eżistenti li b'hekk tiġi estinta. Iżda b'liġi espressa, in-novazzjoni ma tistax tiġi preżunta u l-animus novandi għandu jirriżulta b'mod ċar u univoku. Inoltre, 'in-novazzjoni oġġettiva taċita għandha tirriżulta minn inkompatibilita bejn l'id quod actum est u l-eskluzjoni tal-volonta' li ssir novazzjoni' (Vol. XXIX.iii.80). Inoltre ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni l-antika ma tiġix maqtula, imma sempliċiment modifikata (Vol. XXXI.i.753), għaliex billi ssir modifikazzjoni fi ftehim, ma tavverax ruħha novazzjoni bejn il-partijiet, jekk ma kienx hemm l-intenzjoni li ssir obbligazzjoni ġdida in sostituzzjoni għall-antika, li tiġi mill-partijiet imħassra (Vol. XXXV.ii.607).".*

*Il-Qorti tal-Appell kompliet biex tikkonferma li f'każ ta' dubju, n-novazzjoni għandha tiġi eskluża."*

L-Artikolu 1180(2) jipprovdi illi n-novazzjoni "*mhix prezunta ; l-intenzjoni li ssir ghandha tidher bic-car".* Fi ftit kliem dan ifisser illi l-intenzjoni li tinħoloq novazzjoni jeħtieġ illi tkun ċara aktar milli espressa.

Fis-sentenza fl-ismijiet Nutar Dottor Rosario Frendo Randon vs Alfred Vella Gera deċiża fis-27 ta' Gunju 1952 il-Qorti tal-Appell osservat illi:

"*U jekk stess parti wahda kellha dak l-animu* (b'riferenza ghall-*aniumus novandi*) *jehtieg dejjem li jkun hemm l-akkordju mal-parti l-ohra biex issir in-novazzjoni."*

Fis-sentenza fl-ismijiet Paul Koludrovich vs Carmelo Muscat (op. cit.) kien rilevat ukoll illi:

*"In-novazzjoni trid tigi pruvata minn min jallegaha, u f'kaz ta' dubju ghandha tigi eskluza."*

Issir ukoll referenza għas-sentenza fl-ismijiet Nazzareno Catania vs Michael Degiorgio et deċiża minn din il-Qorti fil-21 ta Frar 1958 fejn ingħad hekk:

*"Huwa veru li mhux mehtieg li l-'animus novandi' tkun espressa, u li tista` tkun anke tacita, pero` irid ikun hemm kontradizzjoni assoluta bejn il-fatt tal-partijiet u l-volonta` taghhom li jzommu ferma l-obbligazzjoni originarja. Jekk imbaghad il-kunsens tad-debitur mhuwiex bilfors mehtieg, huwa dejjem indispensabbli l-kunsens tal-kreditur u tal-espromittent ... U fil-kaz li l-elementi kollha ma jirrizultawx b'mod car u inekwivoku, in-novazzjoni m'ghandhiex tigi prezunta."*

Waqt illi m'hemmx lok għall-preżunzjoni li seħħet novazzjoni, fl-istess waqt lanqas ma huwa meħtieġ li tiġi segwita formola speċifika jew formali biex isseħħ in-novazzjoni. Tajjeb jingħad illi r-raġuni għaliex in-novazzjoni m'għandiex tiġi preżunta hija dovuta għall-fatt illi n-novazzjoni essenzjalment tikkostitwixxi rinunzja tad-drittjiet tal-kreditur għall-obbligazzjoni.

Kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet Albert Mizzi u Gordon Mizzi noe vs Sheila Kathleen Ennis armla ta' James Moore Ennis deċiża fis-6 ta' Ġunju 1984 il-Qorti ta' l-Appell:

*"... ikun hemm novazzjoni oggettiva meta ssir obbligazzjoni gdida li tigi sostitwita ghall-ohra pre-ezistenti li b'hekk tigi estinta. lzda b' ligi espressa, in-novazzjoni ma tistax tigi prezunta u l-animus novandi ghandu jirrizulta b'mod car u univoku. Inoltre, kif kien gie deciz fl-imsemmija sentenza "in-novazzjoni oggettiva tacita ghandha tirrizulta minn inkompatibilità bejn l-id quod actum est u l-eskluzjoni tal-volontà li ssir novazzjoni (Vol. XXIX – III 80); u ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni l-antika ma tigix maqtula, imma semplicement modifikata (Vol. XXXI - [ 753); ghaliex billi ssir modifikazzjoni fi ftehim, ma tavverrax ruhha novazzjoni bejn il-partijiet jekk ma kienx hemm l-intenzjoni li ssir obbligazzjoni gdida in sostituzzioni ghall-antika, li tigi*

*mill-partijiet imhassra" (Vol. XXXV - 607). Barra minn hekk, kif gie diversi drabi ritenut (ara Vol. XX - II 452, XXVI I - I - 935. Vol. XIII - 228 Vol. XXX - I - 943), irid ikun hemm l-inkompatibilità tal-koezistenza bejn iz-zewg obbligazzjonijiet u f'kaz ta' dubbju n-novazzjoni ghandha tigi eskluza*;"

Issir ukoll referenza għas-sentenza fl-ismijiet Vincent Buhagiar noe vs Dr. Noel Arrigo noe et deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fid-9 ta' Ottubru 2003 fejn ingħad illi:

*"Dak li qed jallegaw il-konvenuti debituri huwa novazzjoni ex parte debitoris, meta, skond l-artikolu 1179 (b) tal-Kodici Civili, "debitur gdid jigi mqieghed flok il-qadim, illi jigi mehlus mill-kreditur", liema novazzjoni, skond l-artikolu 1180 (2) tal-istess Kodici Civili "mhix prezunta; l-intenzjoni li ssir ghandha tidher bic-car" (sottolinear tal-Qorti). Kif intqal fil-kawza "Tirchett vs Apap", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-15 ta' Gunju, 1917, (Vol. XXIII.I.455), "La novazione di stretto diritto non si presume, ma deve risultare chiaramente; tutta via la legge non esige solemnita' di parole, purche' la volonta' di novare apparisca dal fatto o dal detto delle parti." Intqal ukoll li n-novazzjoni ma hi qatt prezunta, u fid-dubbju ghandha tkun eskluza ("Abela vs Abela", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-5 ta' Marzu, 2003). L-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza "Bongailas vs Deguara", deciza fit-18 ta' Marzu, 1988, qalet li l-animus novandi jekk ma jkunx espress, irid jirrizulta b'mod car u univoku."*

Fis-sentenza fl-ismijiet HSBC Bank Malta ps vs Pirella Supermarkets Limited deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' April 2016 ingħad:

*Illi permezz tal-ewwel aggravju s-socjetà intimata tilmenta li l-Qorti tal-ewwel istanza ma applikatx sewwa r-rekwiziti legali li jsawwru l-istitut tan-novazzjoni ghall-fatti tal-kaz, u ghalhekk fil-fehma taghha, dik il-Qorti zbaljatament ikkonkludiet li fil-fattispeci tal-kaz odjern ma okkorrietx innovazzjoni. Is-socjetà appellanti tishaq illi skont it-taghlim espost minn awturi kontinentali dwar din il-materja, l-animus novandi mhux mehtieg li jkun espress u jista' jkun*

*tacitu jew implicitu u ghalhekk fl- assenza ta' dikjarazzjoni espressa bejn il-partjiet, li permezz taghha huma jkunu qeghdin joqtlu l-obbligazzjoni antika, wiehed irid ihares lejn l-obbligazzjoni l-gdida sabiex jigi determinat jekk din iggibx terminazzjoni tal-obbligazzjoni antika. Ghalhekk filwaqt li s-socjetà appellanti tirreferi ghas-sottomissjonijiet taghha, tinsisti li permezz talittra tal-14 ta' April, 2004, sehhet novazzjoni.*

*Fuq din il-materja, ir-Ricci jispjega illi:*

*"La novazione non in altro consiste se non nella sostituzione di una nuova obbligazione ad altra precedente, che, col sorgere di questa, rimane estinta. Tre elementi pertanto sono indispensabili a costituire novazione, vale a dire: un'obbligazione precedente, un'obbligazione nuova, e la volonta' delle parti di sostituire questa seconda obbligazione alla prima… L'esistenza di una precedente obbligazione e di una nuova non costituisce novazione, se manchi la volonta' delle parti di sostituire questa a quella. Tale volonta'…non si presume, ma deve chiaramente risultare dall'atto. Perche' la novazione non si presume? Perche' ogni novazione contiene implicita una rinuncia alla precedente obbligazione e le rinuncie non si presumono mai;* ***come la rinuncia deve essere chiaramente dimostrata, cosi' del pari la volonta' delle parti di effettuare la novazione deve chiaramente risultare dall'atto, ne' puo' stabilirsi per via di presunzione. Cio' pero`' non vuol dire che le parti debbano esplicitamente dichiarare nell'atto la loro volonta' di effettuare la novazione...impero`cche' la volonta' di novare puo' chiaramente risultare, quantunque non esplicita, ma contenuta implicitamente e necessariamente nelle convenzioni intervenute tra le parti e nelle relative circostanze di fatto****." ("Corso Teorico-Pratico di Diritto Civile" Vol.VI ediz.1886 para. 285, 287 pag.376 -378, enfasi mizjuda)*

*Kif gustament osservat l-ewwel Qorti, fil-ligi taghna n-novazzjoni tista' issir ai termini tal-Artikolu 1179 tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta) billi fost affarijiet ohra:*

*(a) "meta d-debitur jaghmel mal-kreditur tieghu dejn gdid, u dan jigi mqieghed flok il-qadim, **illi jispicca**;…"*

*Inoltre l-Artikolu 1180 (2) tal-istess Kodici jipprovdi li n-novazzjoni "mhix prezunta; **l-intenzjoni li ssir ghandha tidher bic-car**".*

*Hekk ukoll l-Artikolu 1181(1) jiddisponi illi "**ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni qadima ma tigix maqtula, ghalkemm tigi mbiddla**". (f'kull kaz, enfasi mizjuda).*

*...*

*Kif inghad fis-sentenza **Anthony Galea v. Mario Hallett pro et noe et**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Gunju 2001, in-novazzjoni ma tistax tigi prezunta, u dan ghaliex bazikament in-novazzjoni tikkostitwixxi rinunzja tad-drittijiet tal-kreditur ghal obbligazzjoni ohra u:*

*"il est de principe que les renonciations ne se presument pas" (Carbonnier) tant li "la volonta' di estinguere l'obligazione precedente (animus novandi), che puo' risultare come ogni dichiarazione di volonta', anche tacitamente, per facta concludentia".*

*"Illi ghalhekk skont l-istess massimi fuq indikati nghad fil-kawza fl-ismijiet "Antonio Sammut vs Antonio Mifsud" (A.K. 14 ta' Settembru 1943) li:- "Il-kwistjoni kollha qieghda taggira ruhha jekk l-obbligazzjoni antika bejn il-partijiet gietx estinta u ghalhekk saritx novazzjoni"….*

*"Illi aktar ricentement fil-kawza "Franco Busuttil noe vs Anthony Mallia" (K. (JDC) 25 ta' Marzu 1993) insibu li l-istess Qorti qalet li:- "Illi skont il-ligi (artikolu 1180 (2) Kodici Civili, Kap 16) in-novazzjoni qatt ma tista' tkun prezunta. Ghall-kuntrarju l-intenzjoni li ssir novazzjoni ghandha tirrizulta bic'car ghalkemm ma hemmx bzonn li jintuzaw kliem jew formoli specjali. Hemm ukoll li jkun hemm inkompatibilita' bejn iz-zewgt' obbligazzjonijiet u fid-dubju n-novazzjoni ghandha tigi eskluza. (Ara Kollez. Vol. XXX.I.943)".*

*...*

*Is-socjetà appellanti tishaq li l-obbligazzjoni kontemplata fil-kuntratt tat28 ta' Jannar, 2002 hija inkompatibbli ma' dak stipulat fl-ittra tal-14 ta' April, 2004 peress li tghid li dawn it-tnejn ma jistghux ikunu effettivi kontemporanjament peress li dawn iz-zewg obbligazzjonijiet kellhom modalitajiet u oggetti differenti b'mod li l-adezjoni tal-kontraenti mal-obbligazzjoni l-gdida kienet teskludi l-obbligazzjoni l-antika u vice versa, u f'dan is-sens iz-zewg obbligazzjonjiet ma kienux kompatibbli u hija tippretendi li hawn tiskatta l-prezunzjoni favur l-animus novandi hekk kif ritenut fil-gurisprudenza taghna.*

*Din il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa s-sottomissjonijiet imressqa mis-socjeta` appellanti kemm quddiemha kif ukoll quddiem l-ewwel Qorti, ma taqbilx mal-argumenti imressqa minnha. Dan qieghed jinghad ukoll b'referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tas-7 ta' Lulju, 2008 fl-ismijiet* ***Francis Paris et v. Maltacom plc****, li ghamlet referenza ghar-rassenja in materja migbura mill-ewwel Qorti, fejn inghad:*

*"Fil-kawza "Catania vs Degiorgio", deciza minn din il-Qorti fil-21 ta' Frar, 1958, jinghad hekk: "Huwa veru li mhux mehtieg li l-'animus novandi' tkun espressa, u li tista' tkun anke tacita, pero`', irid ikun hem kontradizzjoni assoluta bejn il-fatt tal-partijiet u l-volonta' taghhom li jzommu ferma l-obbligazzjoni originarja. Jekk imbaghad il-kunsens tad-debitur mhuwiex bil-fors mehtieg, huwa dejjem indispensabbli l-kunsens tal-kreditur u tal-espromittent. … U fil-kaz li l-elementi kollha ma jirrizultawx b'mod car u univoku, in-novazzjoni m'ghandhiex tigi prezunta".*

*"Fil-kawza "Frendo Randon vs Gera", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-27 ta' Gunju, 1952, intqal li: "In-novazzjoni ma tistax tigi prezunta, u l-'animus novandi' ghandu jidher bic-car. U jekk stess parti wahda kellha dak l-animu, jehtieg dejjem li jkun hemm l-okkordju mal-parti l-ohra biex issir in-novazzjoni".*

*"Fil-kawza "Baldacchino vs Cassingena", deciza minn din l-Qorti fl-10 ta' Ottubru, 1950, jinghad: "<u>Biex ikun hemm novazzjoni hemm bzonn li jkun hemm l-inkompatibilita' tal-ezistenza ta' zewg obbligazzjonijiet, u f'kaz ta' dubbju, in-novazzjoni ghandha tigi eskluza</u>".*

*"Fil-kawza "Koludrovich vs Muscat", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-25 ta' Mejju, 1956, intqal: "<u>Ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni antika ma tigix maqtula, imma semplicement modifikata</u>; ghalhiex, billi ssir xi modifikazzjoni fi ftehim, ma tavverax ruhha novazzjoni bejn il-partijiet, <u>jekk ma kienx hemm l-intenzjoni li ssir obbligazzjoni gdida in sostituzzjoni ghall-antika, li tigi mill-partijiet imhassra. Mhux kull modifika, ghalhekk, iggib l-estinzjoni tal-obbligazzjoni, billi l-partijiet jistghu jzidu jew inaqqsu xi haga minghajr ma tigiannullata l-obbligazzjoni, bir-rizultat li tkun giet biss modifikata … In-novazzjoni trid tigi pruvata minn min jallegaha, u f'kaz ta' dubju ghandha tigi eskluza</u>". (sottolinjar mizjud minn din il-Qorti).*

*"Fuq dan il-punt, il-gurista Giorgi ("Delle Obbligazioni", Vol. VIII para. 242), jghid li l-intenzjoni biex issir novazzjoni tkun tacita "quando risulta dalla incompatibilita' tra il 'quod actum est' e la esclusione della volonta' di novare. Della quale incompatibilita' sono queste le caratteristiche:*

*""1. Che il debitore sia stato svincolato assolutamente della obbligazione primitiva;*

*2. Che la seconda obbligazione contenga un mutamento tanto sostanziale in confronto della prima, da non permettere di considerarla come semplice modificazione della obbligazione precedente. La novazione cumulativa, quale appunto risulterebbe dall'unione di due obbligazioni, non e' vera novazione"."*

*"Dawn il-principji kienu wkoll gew abbraccjati mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Bongailas vs Deguara", deciza fit-22 ta' Novembru, 1989, u fil-kawza "Mizzi vs Ennis", deciza mill-istess Onorabbli Qorti fis-6 ta' Gunju, 1984."*

*Applikati dawn il-principji rizultanti mill-gurisprudenza nostrana ghall-kaz odjern, jinghad li ma tirrizultax l-inkompatibilta` assoluta vantata mill- appellanti bejn il-kuntratt notarili u l-ittra mahruga mill-Bank, in kwantu din tal-ahhar hija meqjusa semplicement bhala modalita` ta' hlas ta' kif jista' jinqatghu l-obbligazzjonijiet naxxenti mill-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu. L-istess ittra bl-ebda mod ma tista' tittiehed li toqtol dawk l-obbligazzjonijiet, izda se mai ghandha tittiehed bhala modifika fil-metodu ta' hlas u koncessjoni ta' tnaqqis fl-ammont li kellu jithallas, aktar u aktar meta wiehed jikkonsidra li l-Bank assoggetta din il-proposta ghal-kundizzjoni sospensiva, kif gustament irriteniet l-ewwel Qorti. Fi kwalunkwe kaz, kif tirrileva l-istess debitrici fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, huwa gurisprudenzjalment ritenut li dilazzjoni fil-hlas ma jikkostitwix novazzjoni. Kien ghalhekk li dik il-Qorti qalet li l-ittra tal-2004 ma kienitx tikkomporta l-estinzjoni tal-obbligazzjoni originali jew kostituzzjoni ta' dejn gdid, izda li d-dejn baqa' l-istess wiehed."*

Fis-sentenza fl-ismijiet Breakpoint Co Ltd vs Raymond Farrugia noe deċiża fit-30 ta' Novembru 2012, il-Qorti tal-Appell osservat:

*"Il-fatt li saru pagamenti mis-socjetà Maltija rapprezentata minn Raymond Farrugia ma jfissirx li kien hemm bdil fid-debitur anke in vista tal-fatt li tali pagamenti jidhru li saru mill-istess socjetà bhala agenta tas-socjetà estera. Jinghad ukoll li pagament minn terz jista' jigi accettat mill-kreditur u dan per se ma jbiddilx in-natura tal-obbligazzjoni originali u lanqas min kien id-debitur.*

*Dan huwa kollu konsistenti mal-gurisprudenza kostanti fil-materja ta' novazzjoni fejn huma principji ben segwiti li n-novazzjoni ssehh biss meta l-obbligazzjoni originali tigi maqtula u tigi sostitwita b'ohra gdida u din ghandha dejjem tirrizulta b'mod inekwivoku u car u ma tistax tigi prezunta **(Artikoli 1180 u 1181 tal-Kap. 16 – "C & B Autoparts Ltd v. Caroline Spiteri et" – A.C. - 1 ta' Lulju 2000; "HSBC Bank Malta plc v. Pirella Supermarkets Ltd**" – P.A. – 12 ta' April 2012).*

*Fil-kawza fl-ismijiet "**Antonio Sammut v. Antonio Mifsud**" (A.K. 14 ta' Settembru 1943) inghad konsistentement ma' dan li:-*

*"Il-kwistjoni kollha qieghda taggira ruhha jekk l-obbligazzjoni antika bejn il-partijiet gietx estinta u ghalhekk saritx novazzjoni".*

*Gie wkoll ritenut fid-decizjoni "**John's Garage Ltd v. Nicholsons The Supermarket**" (A.I.C. – 22 ta' Gunju 2005) li "id-delegazzjoni li biha d-debitur jaghti lill-kreditur tieghu debitur iehor, illi jintrabat lejn il-kreditur, ma jgibx novazzjoni, jekk il-kreditur ma jkunx iddikjara espressament il-volontà tieghu li jehles lid-debitur li jkun ghamel id-delegazzjoni". F'dan il-kaz lanqas dan ma sehh ghaliex id-debitur dejjem baqghet is-socjetà appellanti estera.*

*Ma' dan jinghad li gie stabbilit li ghalkemm ma hemmx formula jew kliem specjali sabiex issehh novazzjoni, din trid tkun jew espressa jew anke tacita b'mod li biex "ikun hemm novazzjoni hemm bzonn li jkun hemm l-inkompatibilità tal-ezistenza taz-zewgt obbligazzjonijiet, u f'kaz ta' dubbju, in-novazzjoni ghandha tigi eskluza" ("Briffa v. Gauci" – A.I.C – 22 ta' Gunju 2006)*

*Tal-istess portata hija s-sentenza "**Franco Busuttil noe v. Anthony Mallia**" (K. (JDC) 25 ta' Marzu 1993 (Ara Kollez. Vol. XXX.I.943)". Dan huwa konformi ma' dak li gie deciz fis-sentenzi "**Emanuele Buttigieg v. Spiridione Ellul**" (A.I.C. 18 ta' Gunju 1938- Vol.XXX.i.943); "**Dr. Grazio Mercieca nomine v. Joseph Grixti**" (A.K. 15 ta' Marzu 1993); "**Dr. Jose Herrera nomine v. Anthony Cassar et nomine**" (P.A. – 17 ta' Frar 2000) u "**Anthony Galea v. Mario Hallett nomine**" (P.A. – 28 ta' Gunju 2001); "**Francis Paris v. Maltacom plc**" (P.A. – 7 ta' Ottubru 2004)."*

Traċċjati dawn il-prinċipji ta' dritt u applikati dawn għall-każ ta' llum, il-Qorti tqis illi ma tirriżultax il-prova illi seħħet novazzjoni. Huwa minnu illi l-konvenut 'indaħal' meta ħareġ ċekk f'isem l-attur u saħansitra mar hu stess sabiex jgħaddihulu personalment. Mandanakollu, ma tirriżultax l-intenzjoni da parti tal-konvenut li jikkanċella l-obbligazzjoni li kien intrabat biha ma' Victor Gauci u li jagħti bidu għal obbligazzjoni ġdida fil-konfront tal-attur. Il-Qorti tkompli ssaħħaħ il-fehma tagħha meta tqis illi l-konvenut baqa' jgħaddi l-pagamenti lil Victor Gauci sakemm ħallsu għas-saldu. Inutli dak illi fassal f'moħħu l-attur li mis-17 t'April 2018 'il quddiem kien ser ikompli jitħallas mill-konvenut direttament. Tali intenzjoni żgur li ma kinitx kondiviża mill-konvenut li dejjem żamm ferm mal-obbligazzjoni unika minnu kontrattata fil-konfront ta' Victor Gauci. Il-Qorti tqis illi lanqas f'moħħ l-attur ma kien dejjem ċar u ma kien hemm ċertezza li l-ħlas kellu jsir lilu direttament mill-konvenut. Il-fatt li wara li tlesta x-xogħol l-attur ħareġ kont f'isem Victor Gauci u mhux f'isem il-konvenut ikompli jikkonferma l-fatt li l-ħlas lill-attur kellu jsir minn Gauci għaliex del resto s-sub-appalt kien bejn Gauci u l-attur u fl-ebda waqt meta sar dak il-ftehim ma' kien involut il-konvenut.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet il-Qorti tqis li hija siewja l-eċċezzjoni preliminari kif sollevata mill-konvenuti konjuġi Baron. Konsegwentement il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tal-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenuti.

Għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni kif sollevata mill-konvenuti konjuġi Baron u tiddikjara li l-konvenuti mhumiex leġittimi kontradditturi għat-talbiet attriċi. Konsegwentement tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tal-eċċezzjonijiet sollevati mill-istess konvenuti Baron.

2. Tiċħad it-talbiet attriċi fl-intier tagħhom.

L-ispejjeż ta’ din il-kawża għandhom jitħallsu interament mill-attur.

IMHALLEF

DEP/REG